**23 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Cini

**Rikors ta' Appell – Nuqqas ta' Indikazzjoni tas-Sentenza Appellata – "*Lapsus Calami*" – Nuqqas Sostanzjali – Nullità**

*Fir-rikors ta' appell għandu jkun hemm imsemmi liema hija s-sentenza appellata.*

*Ma hemmx indikazzjoni tas-sentenza appellata meta hemm inċertezza dwar il-Qorti li ppronunzjatha. L-indikazzjoni tal-Qorti għandha tidher fir-rikors waħdu u għalih u mhux b'riferenza għall-proċess li fih jiġi mdaħħal ir-rikors. Nuqqas ta' tali indikazzjoni hu nuqqas sostanzjali.*

*Żball f'rikors ta' appell hu rettifikabbli meta jidher ċar li hu sempliċi "lapsus calami" u mhux meta jkun nuqqas sostanzjali.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Cini ppreżentat fis-7 ta' Ottubru, 1991 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka "s-sentenza appellata fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Joseph Cini tat-2 ta' Ottubru, 1991";

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu, 1992 li bih l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell peress illi fih ma ġiex speċifikat liema hi l-Qorti li tat is-sentenza appellata u għalhekk ma ġietx indikata skond il-liġi s-sentenza appellata;

Rat fil-verbal imsemmi t-talba ta' l-appellant għall-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell billi fejn hemm imniżżel il-kliem "ġie mressaq il-Qorti" jiżdiedu l-kliem "tal-Maġistrati (Malta)";

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-appellant u mill-Avukat Ġenerali, u ttrattati l-eċċezzjoni u t-talba msemmijin, ikkunsidrat illi:

1. Fost ir-rekwiżiti tar-rikors ta' l-appell meħtieġa "taħt piena ta' nullità fl-artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali, hemm dak li f'dak ir-rikors għandu jkun hemm it-talba għar-revoka jew riforma "tas-sentenza tal-Qorti inferjuri". Raġonevolment interpretat dan ir-rekwiżit ifisser li għandu jkun hemm imsemmi fir-rikors liema hija s-sentenza appellata (XXXI.IV.393);

2. Fir-rikors preżenti m'hemmx indikazzjoni sewwa tal-Qorti li tat dik is-sentenza. Kull ma hemm huwa s-segwenti kelmiet fl-ewwel vers tar-rikors, u ċjoè "Illi huwa ġie mressaq il-Qorti....." Ma hemm ebda indikazzjoni jekk din hix il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta jew ta' Għawdex. L-anqas jekk hix il-Qorti Kriminali; di fatti jista' jsir appell minn deċiżjoni ta' dik il-Qorti permezz ta' rikors fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (artikoli 499(4) u 504 tal-Kodiċi Kriminali). Ma jistax jingħad li hemm indikazzjoni tas-sentenza appellata f'din l-inċertezza tal-Qorti li ppronunzjatha. L-indikazzjoni ta' dik il-Qorti għandha tidher fir-rikors waħdu u għalih, u mhux b'riferenza għall-proċess li fih il-lum jinsab imdaħħal ir-rikors;

3. Fil-proċedura kriminali m'hemmx disposizzjoni li fiha l-Qorti tista' tirrimedja għal difetti simili. Inoltre ġie ritenut li żball f'rikors ta' appell kriminali huwa rettifikabbli meta jidher ċar li si tratta ta' sempliċi *"lapsus calami"*, u mhux ta' nuqqas sostanzjali (XLII.IV.1260). L-ommissjoni in kwistjoni fir-rikors ta' l-appell odjern hija, għar-raġunijiet premessi, ċertament sostanzjali, b'mod li ma tistax tiġi rrimedjata b'korrezzjoni, u ġġib in-nullità ta' dak ir-rikors;

4. Fin-nota tiegħu ta' sottomissjonijiet l-appellant jiddikjara li hemm numru sostanzjali ta' appelli riċenti li fihom nuqqas bħal dak fir-rikors tiegħu. F'dak il-każ ir-rikorsi f'dawk l-appelli huma kollha annullabbli;

Għall-motivi premessi tiċħad it-talba ta' l-appellant għall-korrezzjoni tar-rikors tiegħu, tilqa' l-eċċezzjoni msemmija ta' l-Avukat Ġenerali u tiddikjara r-rikors ta' l-appell null u f'dan is-sens tiċħad l-appell.